MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 106/2009

**Carmen Calafato
(I.D. Nru. 623842M)**

**Vs**

**Alfred u Clinton Fenech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-attrici permezz ta' liema titlob li l-konvenuti jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' mija tmienja u disghin Euro (€198) rapprezentanti spejjez minnha inkorsi biex gabet prova lill-konvenuti li l-kamra tal-bejt fuq liema l-istess konvenuti installaw xi solar panels hi bhala fatt di proprietà taghha; bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati u ma ikkontestawx il-kawza fit-terminu prefiss mill-Ligi.

Ra l-atti tal-kawza, u senjatamet in-Nota ta' Ammissjoni ipprezentata mill-konvenuti waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2009 permezz ta' liema ammettew it-talbiet attrici kif dedotti kontra taghhom.

Ghaldaqstant peress it-talba ta' l-attrici tirrizulta ammessa mill-konvenuti permezz ta' Nota ta' Ammissjoni pprezentata fit-3 ta' Marzu 2009, it-Tribunal jaqta' l-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' mija tmienja u disghin Euro (€198), bl-imghax legali kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------